Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

**Appell Numru: 529 / 2015**

Il-Pulizija

Spettur Priscilla Caruana Lee

vs

**Saviour Spiteri**

Illum, 28 ta' Marzu, 2019

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Saviour Spiteri detentur tal-karta tal-identita' numru 28366(M), akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli nhar is-17 ta' Ottubru 2015 ghall-habta tal-16:15hrs u fil-granet ta' qabel gewwa Blk C, F15, Triq Gananton Tanti, Tarxien;

1. ghamel lil martu, Maria Sharon Spiteri ingurji jew tgheddid bil-fomm mhux imsemmijin band' ohra f' dan il-kodici, jew jekk kien ipprovokat, ingurja b' mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni u dan bi ksur tal-Art. 339(1)(e) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. u aktar talli fl-istess dati, lok, hinijiet u cirkostanzi, u wkoll fiz- zmien ta' qabel, bl-imgieba tieghu kkaguna lil martu Maria Sharon Spiteri biza' li se tintuza vjolenza kontriha jew kontra l- propjeta' taghha jew kontra l-persuna jew il-propjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna msemija fl-Art. 222(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan bi ksur ta' l-Art. 251B(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti giet mitluba li minbarra li tinfliggi l-piena stabbilita mill-Ligi, jekk jidrilha xieraq tipprovdi ghas-sigurta' ta' Maria Sharon Spiteri jew biex tinzam l-ordni pubblika, jew ghall-iskop ta' protezzjoni taghha minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza ta' vjolenza u dan bi ksur tal-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-25 ta' Novembru, 2015 fejn il-Qorti wara li rat l-Artikolu 339(e) u 251B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati u ghaldaqstant ordnat l-hrug ta' ordni ta' Protezzjoni kontra l-imputat ghal tlett (3) snin ai terminu tal-Artikolu 412 C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ordnat ukoll il-hrug ta' Ordni ta' Trattament fuq l-imputat ghal tlett (3) snin mal-Agenzija Appogg, ai termini tal-Artikolu 412 D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ir-rikors tal-appellanti Saviour Spiteri minnu pprezentat fl-1 ta' Dicembru, 2015, fejn talab lil din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali per Magistrat Dr. Anthony Vella Demicoli LL.D tal-25 ta' Novembru 2015 billi tirrevokaha in kwantu sabitu hati ta' l-akkuza kif migjuba kontrih u konsegwentement tilliberah minn kull piena u htija skond il-ligi, u f'kaz li din l-Onorabbli Qorti, joghgobha tikkonferma s-sentenza appellata, l-esponenti jitlob li tigi mposta piena aktar ekwa u gusta ghal kaz odjern.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe' :-

1. Illi qabel xejn l-Ewwel Qorti tat sentenza li mhix realizzabli peress li ma tispeccifikax liema sezzjoni tad-dispost tal-ligi qed taghmel referenza, jew liema sub inciz huwa applikabbli, bil-konsegwenza li l-appellant ghandu ordni li hija generika;

2. Illi l-Ewwel Qorti ma dahhlitx fil-kwistjoni li l-partijiet huma mizzewgin u kienu jghixu flimkien, bil-konsegwenza li l-kuncett ta' dar matrimonjali li hija

kompetenza ta′ Qorti Civili giet deciza mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta′ Gudikatura Kriminali li tezorbita l-kompetenza taghha;

3. Illi s-sentenza moghtija mill-Ewwel Onorabbli Qorti kienet wahda eccessiva u sproporzjonata. Konsapevoli mill-insenjament ta′ **Cesare Beccaria**:[1]
*"…che il fine delle pene non e di tormentare ed affiggere un essere sensibili, ne di disfare un delitto gia commesso…,"*

l-appellant jixtieq li bl-akbar umilta jissottometti li l-piena inflitta kienet eccessiva.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi fl-atti tal-kawza gew prezentati l-istqarrija u l-*PCR Person Details* tal-appellant kif ukoll il-*Current Incident Report* fejn tnizzel li fis-sittax (16) ta' Ottubru tas-sena elfejn u hmistax (2015) ghal habta ta' 23:00hrs fl-ghassa tal-Pulizija ta Rahal Gdid, Sharon Spiteri marret tirraporta li ftit hin qabel ghal habta ta' 20:15hrs beda argument bejnha u bejn zewgha Saviour Spiteri gewwa r-residenza taghhom BLK C, FL 5, Triq Gananton Tanti, Tarxien, TXN 1332. Sharon Spiteri stqarret li waqt l-argument li beda fuq hlas ta' cilindru tal-gas, Saviour Spiteri heddiha bi kliem '*jien ghal-habs u inti ghal taht it-trab.*' Stqarret ukoll li waqt l-argument intqal hafna kliem bhala '*ghala zobbi etc*'. Kompliet tghid li Saviour Spiteri qalilha biex tnehhi l-affarijiet personali taghha mid-dar fejn hi spjegat li hi ma ghandiex fejn titfahom. Saviour irrispondiha billi qalilha biex titfahom fid-day care centre taghha. Sharon kompliet li anke rigward id-day care centre li huwa propjeta' taghha giet mheddha minghand Saviour

[1] ' Dei Delitti e Delle Pene' Livorno, 1833, pp.59-60.

bil-kliem "*nehodulek jekk ma ittijuliex il-ligi, nehodha b'ideja*". Il-kwerelanta spiccat billi qalet li hi u zewgha ilhom ghaddejin bil-kaz ta' separazzjoni mis-sittax (16) ta' Lulju tas-sena elfejn u hmistax (2015) u li Saviour Spiteri ibati mill-problema relatata mal-abbuz tal-alkohol.
Fir-rapport tnizzel li '*Nhar 17/10/2015 ghal habta ta 16:00 hrs il Pulizija ghamlet kuntatt ma Saviour fuq numru 99495346 fejn meta mitkellem rigward dak li kien gara hu qal li ma kienitx problema ghalieh li jinhargu l-akkuzi u qata il-linja.*'

Fir-rapport tnizzel ukoll li fis-sbatax (17) ta' Ottubru tas-sena elfejn u hmistax (2015) ghal habta ta' 4:15PM is-Sinjura Sharon Spiteri regghet giet taghmel rapport l-Ghassa ta' Rahal Gdid fejn din stqarret li kienet regghet giet mhedda mir-ragel taghha Saviour bil-kliem "*Illum murder isir mort taghmilli rapport*'. Sharon stqarret ukoll illi dan kollu gara wara li Saviour gie mitkellem mill-Pulizija. Kompliet tghid ukoll illi Saviour beda jafghas u jipponta b'subajh fuq spallitha waqt li qed jghidilha dan il-kliem. Sharon inzammet gewwa l-Ghassa peress li hi kienet imbezza u l-Pulizija ghamlet kuntatt mal-Ispettur P. Caruana sabiex tinfurmaha b'dak li kien qed isehh fejn waqt li l-Pulizija kienet ghada fuq il-linija, gewwa l-Ghassa dahal Saviour u meta l-Pulizija ipprovat tispjegalu illi kellha bzonn tistaqsieh x'gara u kif wkoll jaghti il-verzjoni tieghu, u tinfurmah li kien sar rapport iehor kontrieh fuq tehdid huwa beda jgholli lehnu u jghid illi huwa kien jaf kif tahdem il-ligi u ma kienx ser jibza mill-Pulizija u li dak li bdiet tghid Sharon kien kollu gideb u li ahna misshom ma jiehduhx ir-rapport ax ma hemmx provi. Qal ukoll lil Pulizija li kien rieqed u li ma misshomx qajmuh.

Fir-rapport tnizzel ukoll li ghal habta tal-4:30pm, il-Pulizija infurmat lil Saviour li kien ser jinzamm taht arrest u inghata drittijiet tieghu sabiex jikkonsulta mal-Avukat peress li kien ser jigi investigat fuq theddid ta' qtil fil-konfront ta' martu Sharon. Saviour ikkonsulta mal-Avukat tieghu Dr Tony Abela fejn Dr Abela kellem lil WPS 262 biex ikun jaf x'gara, fejn gie spjegat lilu illi Saviour Spiteri kien ser jigi mitkellem mill-Ispettur P. Caruana rigward theddid ta' qtil klassifikat bhala vjolenza domestika verbali. Saviour gie mittiehed l-Ghassa il-Belt ghal habta tal-17:30 fejn giet mehuda stqarrija mill-Ispettur P. Ciantar dwar dak li kien sehh. Ghal habta ta' 19:15 hrs, l-

Ispettur P. Caruana hadet stqarrija lil Sharon peress li Saviour kien qed jallega li Sharon kienet qed taghmel rapport falz fuqu ghax hu qatt ma kien heddidha li kien ser joqtolha. Saviour gie mehud gewwa Lockup fil-Kwartieri Generali tal-Pulziija ghal habta ta' 19:30hrs.

Meta l-appelalnt tressaq b'arrest fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali preseduta mill-Magistrat Dottor Aaron M. Bugeja, L-Ufficjal Prosekutur Caruana Lee qrat u kkonfermat bil-gurament taghha l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-appellant. Il-Qorti taghat ordni taht l-Artikolu 412C tal-Kodici Kriminali. Giet prezentata l-karta tal-identita' u l-fedina penali tal-appellant.

Quddiem l-Ewwel Qorti fis-seduta tat-tmintax (18) ta' Novembru tas-sena elfejn u hmistax (2015) xehdu l-Ispettur Priscilla Caruana, Diane Galea WPS0262 u l-parte civile Maria Sharon Spiteri, liema xhieda mhumiex traskritti.

Quddiem il-Qorti tal-Appell diversament preseduta fis-seduta tad-disgha (9) ta' Jannar tas-sena elfejn u tmintax (2018) xehdet **Maria Sharon Spiteri**. Il-Qorti kkumentat li l-incident sehh fis-sbatax (17) ta' Ottubru tas-sena elfejn u hmistax (2015). Hija spjegat li l-vjolejnza kienet ila ghaddeja id-dar, theddid u anke swat. Kienet ila gimgha biss li ma sajritx id-dar ghax beda jakkuzaha li jsir ma jiflahx wara li jiekol. Dakinhar sajjar, wara li lesta qamet tnaddaf u gibditlu l-attenzjoni li kien ser jispicca c-cilindru tal-gass ghax f'dawk l-ahhar gimghat kien qed jixtri c-cilindu hu. Kellhom wiehed extra u ma baqax id-dar allura kienu b'cilindru wiehed, kien hadu l-garaxx. Gibditlu l-attenzjoni li filghodu lanqas kien ser ikollu biex jaghmel tazza te. Beda jixrob l-inbid, mar fil-kamra tas-sodda, rega gie u rega ferra l-inbid fit-tazza tal-pinta u beda jghidilha biex ma tkompliex tparla fil-vojt. Jekk jispicca l-gas irid li tibda tiprovdi t-take away. Beda jaghmel hafna paroli u beda jghajjarha pulcinella u li jekk ha tkompli tparla fil-vojt, meta hi lanqas kienet twiegeb lura, ghax kienet taf xi jkun imiss. '*Jiena ha nispicca taht it-trab u hu l-habs.*' Baghtet messagg lill-avukat taghha, x'hin kellha cans li tillarga ftit minn fejn kien hu u hu baqa' jixrob u staqsiet lill-Avukat jekk hux lok ta' rapport u l-Avukat taghha wara certu hin irrispondiha u qalilha iva. Nizlet l-Ghassa ta' Rahal Gdid u infurmathom x'kien gara u staqsietha

jekk jistax jigi mitkellem mal-lejl, qalet '*il-lejl huwa kiefer Sinjur, ma ssibx ghajnuna. u meta jkollok ragel li jkun ilu jixrob u tkun drajt l-attitudni tieghu, l-affarijiet jibdew jikbru.*' Qaltilha all right u li ha jigi mitkellem matul il-gurnata. Filghodu hareg kmieni mid-dar, irritorna qisu xis-saghtejn u rega' beda jixtrob. Xil-erbgha u kwart kienet qieghda fuq is-sufan tara t-television u semghet il-mobile tieghu jdoqq. Damm idoqq, li min kien qed icempel qata u rega' beda jdoqq. Tghid li '*Wara ftit kull ma' smajt 'iva, ehe, iva,' u qata' pero' ma kellix amment min kien. F'hakka t' ghajn insibu ma' wicci u b' subghajh go hawn, beda jghidli: "Inti ergajt ghamiltli rapport il-bierah?" Ghidtlu: "Iva,' qbadt ic-cwievet u inzilt nigri l-Ghassa ergajt. Pero' ma kontx naf min qed iiprova jaqbdu fit-telefonata. Inzilt l-Ghassa u s-Surgenta kellha tnejn minn nies quddiemha x'hin dhalt.*' Kompliet tispjega dwar meta marret l-Ghassa. Staqsiet "*Intkom ghadkom kemm cempiltu lir-ragel?" Qaltli: "Ghala?" Ghidtilha: "Ghax jekk kont inti li cempiltlu jew xi Pulizija minn hawnhekk, rega heddidni." Ghax malli gie jaghmel subghajh ma' hawnhekk, lili beda jghidli: "Jekk ma' titlaqx il-barra minn hawn illum, murder ser isir, noqtlok. Murder isir, noqtlok. Qed tismaghni?" U qalha aktar minn darbtejn. Is-Surgenta nfurmatni li huma kienu qed icemplulu u hi ma' taccettax li xi hadd jaqtalghha t-telefonata u ma' jkellimhiex. Dam ftit ma' nizel l-Ghassa mhux hazin. Infatti huma staqsewni nabitawx fl-istess indirizz, biex jiena kont ilni hemm u hu kien ghadu ma' wasalx. L-affarijiet kienu ilhom ghaddejin hekk.*'

L-incident gara bejn is-sittax u s-sbatax ta' Ottubru. Xehdet '*Tant kienu ilhom ghaddejin Sinjur, li dan ir-ragel bil-vizzju tax-xorb tieghu, apparti li kellu relazzjoni u anke lis-siehba tieghu kien jheddidha li joqtolha, u dehru anke quddiemek, kien ordnat mill-Isptar ghax kellu brain haemorrage, li jwaqqaf ix-xorb, offrewlu ghajnuna biex iwaqqaf ix-xorb, hu rrifjutaha ghax hu ma' jammettix li ghandu problema. Offrewlu wkoll li jibda jzur psikjatra u rrifjuta wkoll.*' Ikkonfermat li hu r-ragel taghha u li kien ilu ghaddej bil-problemi tax-xorb imma hu ma jammettix. Qalet li '*tant hija kiefra l-problema tax-xorb, dan tant jixrob li jkun hekk hinijiet minnhom apparti li kellu brain haemorrage, skuzi anke rrametta d-dmija. Ghandi r-ritratti hawnhekk. Incempillu ghal ambulanza u jirrifjuta li jmur Sinjur.*' Qalet li lanqas sahhtu ma jaghti kaz, bix-xorb lanqas ikun jaf x'inhu jaghmel.

Mistoqsi mill-Qorti ghadhomx jghixu taht l-istess saqaf, wiegbet li le ghax hu mbghad kien deher il-Qorti l-Hadd filghodu b'urgenza quddiem il-Magistrat Aaron

Bugeja u mbaghad deher quddiem il-Magistrat Antonio Vella. Qalet li ma tistax tghix ma ragel u ma tafx fejn hi qieghda. Huma ghaddejin bis-separazzjoni u ma jghixux taht l-istess saqaf ghax tghid li hemm garanzija. Joqghod ezatt kantuniera warajja. Il-hin kollu ghaddej mit-triq, sahansitra darba kienet ghaddejja bil-kelba beda jghajjat lil kelba ghax fl-abitat, jaf li jekk ha jghajjitilha ha tigbidha u hu ma jistax jersaq lejha. Darba ghamlilha rapport li bidlet is-serratura meta hi bidlitha ghax wehlet u ghandha zewg bibien. Qalet li l-Magistrat kien qataghha li ma jersawx lejn il-post tax-xoghol fejn tabita hi. Tghid li hi tbiddel ir-rotot imma hu jbiddel il-karozzi. Hi kantuniera ezatt warajha joqghod hu. Tghid li il-hin kollu gej u darba minnhom gie u fetah il-letterbox. Jidhol fl-entratura tal-flat u fetah il-letterbox. Staqsa lil girien jekk giex tal-posta. Tghid li gieli tasal bil-karozza u tkun qed tipparkja u tarah ghaddej minn ma gemba. Fl-ghaxra u nofs ta' bil-lejl ghax tkun tiela minghand ommha li hi waheda, marida u armla u filghaxija tinzel tqatta ftit hin maghha. M’hijiex persuna li tohrog.

In kontro-ezami meta mistoqsija fix-hin kienet it-theddida jekk kinitx xis-sitta, wiebet li le, kien diga’ beda l-ahbarijiet xi tmienja u kwart. Is-Sibt kienu xi l-erbgha u xi haga. Damet ma marret l-Ghassa ghax l-Avukat dam ma' rrispondiha. Ikkonfermat li marret l-Ghassa xi l-hdax, tghid x'hin irrispondiha l-Avukat ghax ma thobbx taqbad tghaffeg. Tghid li qatt ma marret Qorti fuq dawn l-affarijiet. Mistoqsija '*Jigifieri t-theddida l-kbira tieghek kienet illi inti kellek tikkonsulta mal-Avukat.*' Wiegbet '*Nikkonsulta mal-Avukat l-ewwel.*' Qalet '*Taf kemm hi umiljanti li tmur l-Ghassa?*' Qalet ukoll li gieli tigi mghoddija biz-zmien. Mistoqsija biex tikkonferma li meta marret l-Ghassa qaltilhom biex ma jkellmuhx illejla, wiegbet '*Jien naf kemm kont naqla. Jien naf kemm kont naqla.*' Tghid li hafna, xehdet li '*Tista thossli hawn ghax hawn maqlugh jien. U qatt ma' mort ghax bzajt minnu.*' Tghid li hemm rapporti u gie mitkellem mill-pulizija izda ma tressaqx il-Qorti ghax bezghet minnu u xehdet li d-dar wahdek trid terga tmur mieghu. Mistoqsija '*Taf li fejn ikun hemm vjolejza domestika l-Pulizija tmexxi mal-ewwel?*' wiegbet '*Imma fil-kaz taghna ma' sarx hekk u kien hemm certifikat ta' tabib tal-Poliklinika ta' Rahal Gdid.*'

Qalet li qaltilhom li jekk hu possibbli jkellmuh filghodu ghax il-lejl ikrah. Qalet li kellha fejn tmur mautl il-lejl, ghand omma, marida b'cancer, mara marida b'puplesija u marida b'kollox, ma riditx itiha aktar inkwiet u tahseb li kulhadd jibza ghal ġenituri. Qalet li xahar qabel kienet marret ghand ommha izda dakinhar ma hassietx li kellha taqla dak il-paniku ta' nkwiet ghal ommha, mara anzjana.

Mistqsija '*Jigifieri tant kemm kienet gravi li ppreferejt tmur id-dar ma' bniedem daqshekk perikoluz*' u wiegbet '*Le, in fatti tkellimt maghhom, li jigi mitkellem filghodu, halli l-lejla, ghax kien fis-sakra rieqed. Immagina kieku nizluh dakinhar l-Ghassa, x'kien jigri minni.*' Mistoqsija ghandiex xi familjari ohrajn qalet '*Ghandi hija jahdem gwardjan il-habs u ma' nixtieqx li ntelliflu la xoghlu u lanqas il-familja. U ghandi hija iehor li ghandu guvni ta' 24 sena. Ir-ragel li kelli jiena, vjolenti.*' Il-guvni ta' 24 sena jismu Biern. Mistoqsija jekk hemm wiehed minn hutha jghix maghha wiegbet li le jigi jiekol ghandha kultant mhux kuljum. Dak iz-zmien kien ghadu mal-mara, illum il-gurnata qed jissepara izda ma jghix ghandha.

L-ghada il-Pulizija cemplu xil-erbgha u kwart. Tghid li ma tafx min kellmu, kull ma semghetu jghid "*Iva, ehe, iva*" u daqshekk. Ikkonferma li kellimha u qalilha "*Ghamilt rapport*" u hi qabdet u marret l-Ghassa, tghid ghax basret x'inhu gej. Tghid li Qalilha "*Jekk int ha tibqa hawnhekk, noqtlok, murder naghmel.*" U rega qalilha ghal aktar minn darba u t-ton li kien qalilha dakinhar, tghid li t-theddid dan l-ahhar kien qed isir, tant li jidhol go fik. Qalet '*Mhux bhal meta bniedem jirrabja u jghidha f' sahna ta' demm. Kien qed isir biex jaghmel statement*.' Tghid li kkonkludiet hi ghax ghexet 25 sena mieghu. Mistoqsija jekk ma hassietx li dak il-hin kellha tkellem lil Avukat wiegbet li dak il-hin kull ma hassiet kien li kellha bzonn tinzel l-Ghassa. Ma kelliex ghalfejn ghax il-biza kienet kbira. Kuljum kienet tkun kbira. Mistoqsija '*L-ewwel darba hallejt tlett sieghat jghaddu.*' u wiegbet '*L-Avukat dejjem kien jghidli*' u meta mistoqsija '*It-tieni darba ovvjament kont taf fejn trid tmur.*' wiegbet '*L-Ghassa.*' Qalet li ma kelliex ghazla jew l-Ghassa jew il-Policlinic. Mistoqsija '*Kont certa li trid titfghu l-barra mid-dar it-tieni darba.*' Qalet '*Le, jiena z-zwieg tieghi ghamel kwazi 19-il sena ta.*' Tichad li riedet titfghu l-barra u tghid li riedet protezzjoni. Xehdet li '*Ridt protezzjoni. Ghax bdejt inhoss li ma' nistax immur ghax xoghol mhedda, ma' nistax immur id-dar, jispiccaw it-tfal mic child care*

*center, flok bhal nies niehu pjacir ghax sejra d-dar jien, jiena serja d-dar imwerwra. Ma' nafx x'ser insib. Ramettar dad-dmija, pipi' mal-art. Swat, tkissir. Il-girien stess jghiduli: "X'inti taghmel mieghu?" jien bil-biza, kif nisma c-cavetta diehla fis-serratura, jekk jigi hu warajja, jew immur u nsibu rieqed fis-sakra, jew jigi u jdahhal ic-cavetta bl-herra u hemmhekk tibda l-gurnata.'*

Mistoqsija '*Jigifieri hassejt ic-cans u ghidt: "Issa llum nitfghu l-barra mid-dar."*" Wiegbet "*Le, le. Jiena qas kont naf li ser jintefa barra mid-dar. Jiena kull ma' ridt protezzjoni mill-Pulizija.*' Tfal ma ghandhomx, tghid li ma setax ikollom tfal.

Ikkunsidrat;

Illi fl-ewwel lok jirrizulta li ghalkemm l-appellant talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberah minn kull piena u htija skond il-ligi u li subordinament li f'kaz li din il-Qorti tikkonferma s-sentenza appellata, l-appellat talab li tigi mposta piena aktar ekwa u gusta, mill-aggravji mressqa ma jirrizultax li l-appellant kien qieghed jilmenta minn htija. Ghalhekk din il-Qorti sejra tghaddi biex tikkunsidra l-aggravji mressqa mill-appellant.

Illi l-ewwel aggravju jirrigwarda li l-Qorti tat sentenza li mhix realizzabli peress li ma tispecifikax liema sezzjoni tad-dispost tal-ligi qed taghmel referenza, jew liema sub inciz huwa applikabbli, bil-konsgwenza li l-appellant ghandu ordni li hija generika.

Il-parti dispositiva tas-sentenza appellata kienet taqra s-segwenti:

*'Wara li rat l-Artikoli 339(e) u 251B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Din il-Qorti ssib lill-impuutat hati u ghaldaqstant tordna hrug ta' Ordni ta' Protezzjoni kontra l-imputat ghal tlitt (3) snin ai termini tal-Artikolu 412 C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Tordna wkoll il-hrug ta' Ordni ta' Trattament fuq l-imputat ghal tlitt (3) snin mal-Agenzija Appogg ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.'*

Illi ghalkemm il-Qorti indikat l-artikolu 339(e) jirrizulta car li l-Qorti kienet qed tirreferi ghall-artikolu 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u kien b'lapsus calami li ma ndikatx is-subartikolu 1 ossia l-artikolu 339(1)(e). In oltre jirrizulta li bl-artikolu 412 C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kienet qed tirreferi ghall-Ordnijiet ta' Protezzjoni kontemplati bl-artikolu 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-appellant jissottometti li l-Qorti fis-sentenza appellata ma specifikatx is-sezzjoni tad-dispost tal-ligi jew sub inciz huwa applikabbli u ghalhekk l-ordni hija generika. Din il-Qorti ma taqbilx ma dan u dan stante li fl-ewwel lok huwa car li kemm l-artikolu 339(1)(e) kif ukoll l-artikolu 251B huma l-artikoli li jirrigwardaw ir-reati li l-appellant instab hati taghhom. Il-fatt li l-Qorti ma nizlitx subartikolu meta indikat l-artikolu 251B ma jbiddel xejn.

Fir-rigward tal-Ordni tal-Protezzjoni, mill-atti jirrizulta li dak in-nhar li nghatat is-sentenza l-akkuzat iffirma l-Ordni ta' Protezzjoni li tinsab a fol 39 bil-kundizzjonijiet imnizzla f'dik l-Ordni. F'dik l-Ordni jirrizulta li l-Qorti b'lapsus fil-kundizzjoni li taqra '*Tipprojbixxi jew tirrestrinġi l-akkużat milli javviċina jew b'xi mod isegwi l-movimenti ta'* tnizzel l-isem Saviour Spiteri minflokk isem l-parte civile ossia Maria Sharon Spiteri. Biss pero' jirrizulta car li l-Ordni ta' Protezzjoni inharget kontra l-appellant a favur Maria Sharon Spiteri u li din inharget ghal perjodu ta' tlett (3) snin. Din il-Qorti tinnota wkoll li fil-kundizzjoni li tirrigwarda l-projbizzjoni jew ir-restrizzjoni tal-access mill-akkuzat ghal fond fejn tirrisjedi, tahdem jew tiffrekwenta Maria Sharon Spiteri, ma giex indikat jekk il-Qorti kinitx qieghda tipprojbixxi jew tirrestringi tali access. Liema klawsola kienet taqra '*Tipprobixxi jew tirrestrinġi l-aċċess mill-akkużat, għal perjodu ta' mhux iżjed minn sitt (6) xhur jew sas-sentenza finali, ġewwa l-fond fejn tirrisjedi/jirrisjedi/u, jaħdem/taħdem jew j/tiffrekwenta Maria Sharon Spiteri kif wkoll jekk l-akkużat ikollu xi interess legalif' dak il-fond.*'

Fir-rigward tal-Ordni ta' Trattament li tinsab a fol 40 u 41, fejn ghalkemm is-sentenza kienet tipprovdi ghal '*hrug ta' Ordni ta' Trattament fuq l-imputat ghal tlitt (3) snin mal-Agenzija Appogg, ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta*' jirrizulta f'li l-Ordni ta' Trattament li tinsab a fol 40 tipprovdi li '*It-Trattament ser ikun* ______' u ghalhekk ma gietx mimlija u ma specifikatx ghal liema kura kien qieghed jitpogga taht trattament l-appellant, anke jekk dan facilment jirrizulta mill-atti. Fl-imsemmija ordni lanqas ma gie indikat kull meta l-Ufficjal tal-Probation ghandu jirraporta bil-miktub lil Qorti. Ghalkemm din il-Qorti ma taqbilx mal-appellant li s-sentenza mhijiex wahda realizzabli peress li gew indikati l-artikoli li tahtom kien qieghed jinstab hati kif ukoll gew ordnati l-hrug ta' Ordni ta' Trattament u Ordni ta' Protezzjoni qua piena, din il-Qorti sejra f'kaz li tikkonferma l-hrug ta' dawn iz-zewg ordnijiet fil-konfront tal-appellant tipprovdi kundizzjonijiet cari li l-appellant ghandu jsegwi.

Ikkunsidrat;

Illi t-tieni aggravju jipprovdi li l-Ewwel Qorti ma dahhlitx fil-kwistjoni li l-partijiet huma mizzewgin u kienu jghixu flimkien bil-konsegwenza li l-kuncett ta' dar matrimonjali li hija kompetenza ta' Qorti Civili giet deciza mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali li tezorbita l-kompetenza taghha.

Ghalkemm l-appellant ma kienx car fl-aggravju tieghu, din il-Qorti fehmet li l-appellant kien qieghed jirreferi ghal fatt li l-Ewwel Qorti permezz tal-hrug ta' Ordni ta' Protezzjoni huwa mhux biss ma setghax jikkuntattja lil Maria Sharon Spiteri izda anke li l-ordni kienet tipprovdi li qieghed '*Tipprojbixxi jew tirrestrinġi l-aċċess mill-akkużat, għal perjodu ta' mhux iżjed minn sitt (6) xhur jew sas-sentenza finali, ġewwa l-fond fejn tirrisjedi/jirrisjedi/u, jaħdem/taħdem jew j/tiffrekwenta Maria Sharon Spiteri kif wkoll jekk l-akkużat ikollu xi interess legali f' dak il-fond*'.

Illi din il-Qorti sejra tichad dan l-aggravju u dan tenut kont tal-fatt li l-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif ukoll din il-Qorti ghandhom il-poter moghti lilhom mill-ligi sabiex jordnaw il-hrug ta' ordni ta'

protezzjoni wara li jkun valutat ir-riskju tal-persuna offiza u jkun jidher b'mod car li dik il-persuna tinsab fi grad gholi ta' riskju. Filfatt l-artikolu 412Ċ(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jaqra:

'*Il-Qorti għandha toħroġ ordni ta' protezzjoni dejjem f'dawk iċ-ċirkostanzi fejn, wara li jkun ġie valutat ir-riskju tal-persuna offiża jew ta' persuna relevanti oħra, ikun jidher b'mod ċar li tali persuna tinsab fi grad għoli ta' riskju.*'

Irrespettivament jekk il-parte civile u l-imputat ikunux mizzewgin jew jghixux taht l-istess saqaf, jekk il-Qorti thoss li l-persuna tinsab fi grad gholi ta' riskju, ghandha tordna l-hrug tal-ordni ta' protezzjoni. L-Ewwel Qorti ma ddeciditx kwistjoni ta' *ownership* jew ta' kif ghandhom jinqasmu l-assi, izda ddecidiet li ghandha tinhareg Ordni ta' Protezzjoni kontra l-appellant u dan sabiex tigi protetta l-vittma u li ghalhekk huwa ma setax jidhol fil-fond fejn tirrisjedi l-parte civile. Issa jekk il-vittma kienet qieghda tghix fid-dar matrimonjali, anke jekk il-Qrati Civili huma fdati bil-poter sabiex jiddeciedu min pendenti separazzjoni ghandu jirrisjedi fid-dar matrimonali, il-Qrati Kriminali xorta ghandhom jiehdu kull mizura sabiex vittmi jigu salvagwardati, b'mod specjali meta si tratta ta' vjolenza domestika f'dan il-kaz ingurji u theddid u biza li se tintuza vjolenza u wahda mill-mizuri li l-legislatur provda ghal dan il-ghan hija l-Ordni ta' Protezzjoni. Fil-fatt l-artikolu 412Ċ(8) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li l-Ordni ta' Protezzjoni tista tinkludi ordni li:

'*(b) jipprojbixxi jew jirrestrinġi l-aċċess mill-akkużat, ġewwa fond fejn il-persuna offiża jew xi individwu ieħor speċifikat fl-ordni, tkun qiegħda tgħix, taħdem jew tiffrekwenta wkoll jekk l-akkużat ikollu xi interess legali f'dak il-fond;*'

Ghalhekk l-Ewwel Qorti bhal din il-Qorti ma ghandhom l-ebda impediment milli permezz tal-hrug ta' Ordni ta' Protezzjoni jipprojbixxu jew jirresringu l-access anke ghad-dar matrimonjali. Ghalhekk l-Ewwel Qorti bl-ebda mod ma eccediet il-kompetenza taghha.

It-tieni aggravju qieghed ghalhekk jigi michud.

Ikkunsidrat;

Illi t-tielet aggravju jirrigwarda l-piena, li skond l-appellant hija eccessiva. L-Ewwel Qorti sabet lill-appellant hati u ordnat il-hrug ta' Ordni ta' Protezzjoni kif ukoll ta' Ordni ta' Trattament ghal zmien tlett (3) snin. Din il-Qorti tenut kont tax-xhieda moghtija mill-parte civile quddiem din il-Qorti diversament preseduta u skont ma jirrizulta mill-Current Incident Report hija tal-fehma li l-hrug ta' dawn iz-zewg ordnijiet ma kinitx piena eccessiva u dan stante li l-appellant mhux biss heddidha izda spjegat ukoll kif l-appellant kellu problema ta' xorb alkoholiku waqt li kienu qeghdin jirrisjedu flimkien.

Din il-Qorti izda ma tistax ma tiehux kont tat-trapass ta' zmien minn meta giet deciza s-sentenza appellata sakemm instemgha l-appell quddiem din il-Qorti kif preseduta u ghalhekk tal-konsegwenzi legali li dan id-dewmien setgha kellu fuq l-appellant innifsu. Din il-Qorti qieghda tghid dan peress li jirrizulta li meta l-appellant tressaq b'arrest fit-tmintax (18) ta' Ottubru tas-sena elfejn u hmistax (2015), il-Qorti kienet ordnat il-hrug ta' Ordni ta' Protezzjoni sas-sentenza finali fejn l-appellant kien anke projbit l-access gewwa l-fond fejn tirrisjedi l-parte civile, liema ordni kellha tibqa' fis-sehh sas-sentenza finali. Il-Qorti fis-sentenza appellata datata l-hamsa u ghoxrin (25) ta' Novembru tas-sena elfejn u hmistax (2015) apparti l-ordni ghall-hrug ta' Ordni ta' Trattament li la darba s-sentenza giet appellata kienet ghada ma bdietx issehh, ordnat ukoll il-hrug ta' Ordni ta' Protezzjoni ghal zmien tlett (3) snin. Gialadarba l-appellant appella minn dik is-sentenza, l-Ordni ta' Protezzjoni li kienet originarjament inharget fit-tmintax (18) ta' Ottubru tas-sena elfejn u hmistax (2015) baqghet fis-sehh. Ghalhekk jirrizulta li jekk din il-Qorti kellha tikkonferma s-sentenza tal-Ewwel Qorti fejn ordnat il-hrug ta' Ordni ta' Protezzjoni ghal zmien tlett (3) snin ikun ifisser li l-appellant mhux biss diga ilu b'Ordni ta' Protezzjoni mit-tmintax (18) ta' Ottubru tas-sena elfejn u hmistax (2015) izda jkun ifisser li l-appellant meta tikkunsidra kemm ilu b'Ordni ta' Protezzjoni kontrih u l-Ordni ghal tlett (3) snin li jibdew jghoddu mid-data ta' din is-sentenza ikun ifisser li l-Ordni ta' Protezzjoni kontrih tkun ila fis-sehh ghal aktar minn sitt (6) snin.

Minkejja li din il-Qorti ma ghandha l-ebda projbizzjoni milli tikkonferma l-hrug ta' Ordni ta' Protezzjoni ghal tlett (3) snin mill-lum, minn ezami tal-atti processwali, temmen li dan ma jkunx gust mal-appellant. Din il-Qorti qieghda tghid dan peress li jirrizulta li kien hemm dewmien fis-smiegh u fis-sussegwenti decizjoni tal-appell tieghu, liema dewmin ma kienx imputabbli lilu. Filfatt l-appellant kien prezenta rikors fl-erbatax (14) ta' Marzu tas-sena elfejn u sittax (2016) li jinsab a fol 55 tal-process fejn kien talab li s-smiegh tal-appell jigi appuntat fi zmien qasir. L-appell kien sussegwentement appuntat ghat-tlieta (3) ta' Mejju tas-sena elfejn u sittax (2016). Fl-erbgha (4) ta' Settembru tas-sena elfejn u sbatax (2017) l-appellant kien permezz ta' rikors li jinsab a fol 83 talab sabiex il-Qorti tirrikjama l-appell ghal data aktar vcina peress li l-appell differit ghal hdax (11) ta' Ottubru tas-sena elfejn u sbatax (2017) liema talba kienet giet michuda. L-ewwel darba li l-appell in kwistjoni gie quddiem din il-Qorti kien fl-erbatax (14) ta' Frar tas-sena elfejn u dsatax (2019) fejn dak in-nhar il-partijiet kienu trattaw l-appell u l-appell kien intbaghat ghas-sentenza ghal-lum.

Ghalhekk din il-Qorti tenut kont ta' dawn ic-cirkostanzi izda ukoll in vista tas-serjeta' tat-theddid in mertu, sejra tirrevoka fejn l-Ewwel Qorti ordnat il-hrug ta' Ordni ta' Protezzjoni ghal zmien tlett (3) snin u sejra minflokk tordna li l-Ordni ta' Protezzjoni kontra l-appellant a favur Maria Sharon Spiteri ghandha tkun ghal zmien sena (1) li tibda ghaddejja mil-lum.

Illi fir-rigward l-Ordni ta' Trattament mahruga mill-Ewwel Qorti ghal zmien tlett (3) snin. Din il-Qorti sejra tibda billi taghmel referenza ghal partijiet mix-xhieda ta' Maria Sharon Spiteri moghtija quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali diversament preseduta fid-disgha (9) ta' Jannar tas-sena elfejn u tmintax (2018) fejn spjegat li '*Il-vjolenza kienet ilha ghaddeja d-dar. Theddid u anke swat. Sajjar, kont ilni gimgha biss li ma' sajjartx id-dar, ghax beda jakkuzani li jsir ma' jiflahx wara li jiekol. Dakinhar sajjar, wara li lesta qomt inaddaf u gbidtlu l-attenzjoni li kien ser jispicca c-cilindru tal-gass. Ghax f' dawk l-ahhar gimghat kien qed jixtri c-cilindru hu. Kellna wiehed extra, u ma' baqax id-dar. Allura konna b' cilindru wiehed. Kien hadu l-garaxx. Gbidtlu l-attenzjoni li filghodu lanqas kien ser ikollu biex jaghmel tazza te. Beda jixrob l-inbid, mar fil-kamra tas-sodda, rega gie, rega ferra*

*l-inbid fit-tazza tal-pinta u beda jghidli biex ma' nkomplix inparla fil-vojt. Jekk jispicca l-gass irrid nibda niprovdi t-take away. Beda jaghmel hafna paroli u beda jghajjarni pulcinella u li jekk ha nkompli nparla fil-vojt, meta jiena lanqas kont inwiegeb lura, ghax kont naf xi jkun imiss. Jiena ha nispicca taht it-trab u hu l-habs. Spjegat li l-ghada qalilha 'Jekk ma' titlaqx il-barra minn hawn illum, murder ser isir, noqtlok. Murder isir, noqtlok. Qed tismaghni?'* Tghid li qalilha aktar minn darbtejn. Hija spjegat li l-appellant ghandu problema ta' xorb izda li hu ma jammettix. In kontro-ezami dwar l-ghada spjegat li '*Qalli: "Jekk int ha tibqa hawnhekk, noqtlok, murder naghmel.*" fejn spjegat li qalilha aktar minn darba u li bhala ton spjegat li '*mhux bhal meta bniedem jirrabja u jghidha f'sahna ta' demm. Kien qed isir biex jaghmel statement.*'

Meta l-imputat gie mitkellem mill-pulizija u rrilaxxa stqarrija fis-sbatax (17) ta' Ottubru tas-sena elfejn u hmistax (2015) huwa innega li ghandu problema ta' xorb u ma kienx lest li jaghti test tan-nifs. Huwa nnega ukoll li kien hedded lil martu li '*Jien ghal habs u inti ghal taht it-trab*'. Din il-Qorti thoss li fic-cirkostanzi u anke tenut kont tal-fedina penali fejn irrizultaw akkuzi b'reati simili kommessi mill-appellant fil-konfront ta' persuni ohra, l-Ewwel Qorti kienet korretta meta ordnat il-hrug ta' ordni ta' trattament mal-Agenzija Appogg. L-Ufficjal tal-Probation ghandu jikkunsidra jekk l-appellant ghandux jibda' jattendi sessjonijiet ta' trattament permezz tal-Managing Abusive Behaviour Services fi hdan l-Agenzija Appogg jew servizzi ohra li l-Ufficjal tal-Probation jidhrlu xieraq sabiex l-appellant jahdem fuq l-imgieba tieghu. L-Ufficjal tal-Probation ghandu anke jiehu dawk il-mizuri sabiex l-appellant jigi segwiet mill-Agenzija Sedqa jew agenziji jew dipartimenti ohra sabiex jekk l-Ufficjal tal-Probation jidhirlu xieraq, l-appellant jinghata ghajnuna sabiex jeghleb il-vizzju mill-abbuz tax-xorb alkoholiku kif ukoll jinghata kwalunkwe ghajnuna psikologika jekk tirrizulta li hija mehtiega.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet din il-Qorti qieghda tilqa' limitatament l-appell, tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonferma l-htija ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-appellant, qieghda tirrevoka fejn ikkundannat lill-appellant ghal Ordni ta' Protezzjoni ai termini tal-artikolu 412Ċ tal-Kapitolu 9 ghal zmien tlett (3) snin u minflokk tordna l-hrug ta' Ordni ta' Protezzjoni

kontra l-appellant ai termini tal-artikolu 412Ċ a favur Maria Sharon Spiteri ghal zmien sena (1) mil-lum. Il-Qorti tikkonferma l-hrug ta' Ordni ta' Trattament *ai termini* tal-artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan ghal zmien tlett (3) snin bil-kundizzjonijiet li din il-Qorti sejra timponi hija stess.

Il-Qorti spjegat lill-appellant il-konsegwenzi jew jikser wahda jew aktar mill-kundizzjonijiet tal-Ordni ta' Protezzjoni jew tal-Ordni ta' Trattament u jekk ma jsegwix id-direttivi li se jinghatawlu in kwantu ghall-Ordni ta' Trattament.

Il-Qorti tordna li kopja ta′ din s-sentenza tigi notifikata kemm lill Agenzija Appogg kif ukoll lid-Direttur tal-Ufficcju tal-Probation sabiex jigi nominat il-kandidat idoneju ghal dan l-ghan.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera
Imhallef
VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur